MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Rikors Numru. 774/1997/1

Joseph Bezzina
vs
Chairman Mid-Med Bank Limited u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2001 gie korrett ghal HSBC Bank Malta p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1987 u l-1995, ir-rikorrent garrab hafna ingustizzji fl-impieg tieghu mal-Bank intimat.

Illi huwa skrivan mal-Bank intimat. Wara l-Elezzjoni tal-1987 il-Managers tal-branches f'Ghawdex fejn huwa kien jahdem bdew jaghmlulu rapporti negattivi u infondati. Minhabba f'hekk inzammewlu l-"increments". Anki tnehha mill-Foreign Exchange Bureau f'Marsalforn b'konsegwenza ta' telf finanzjarju. Dan gara fil-1989. Fil-1991 huwa gie trasferit ghal Malta b'kastig dwar incident li kien hemm fil-Agency tal-bank fix-Xaghra fejn huwa gie

akkuzat li tkellem vulgari quddiem klijenta, filwaqt li l-klijenta cahdet dan u xorta wahda r-rikorrent inghata t-tort.

Illi ghal numru ta' snin huwa kien jahdem fic-Centru Ruzar Briffa, f'Santa Venera, u ghalhekk kien ikollu jaghmel uzu minn zewg karozzi tal-linja biex minn Ghawdex fejn kien joqghod, huwa jmur ghax-xoghol. Dan kien kontra l-policy tal-Bank li lill-impjegati Ghawdxin jutilizzahom f'postijiet li jirrikjedu li jirkbu karozza wahda ghax-xoghol.

Illi r-rapporti negattivi mhux gustifikati, it-transfer tieghu biex jahdem f'Malta li kien ta' inkonvenjent kbir ghalih, il-post imbieghed f'Malta fejn thalla ghal numru ta' snin, iz-zamma ta' l-increments mhux gustifikati, in-nuqqas tal-ghoti tal-promozzjonijiet huma kollha manifestazzjonijiet tat-trattament ingust li r-rikorrent inghata mill-Bank.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu fis-snin imsemmija u jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jerga' jigi trasferit biex jahdem f'Ghawdex mal-Bank intimat, li r-rapporti negattivi ghandhom jitnehhew mill-Personal File tar-rikorrent, li r-rikorrent ghandu jinghata promozzjonijiet li gie mtellef minghajr gustifikazzjoni u li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq ghad-danni li sofra minhabba l-ingustizzji li garrab.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. li eccepixxa:

Illi filwaqt li mhux kontestat li r-rikorrent ilu impjegat mal-bank intimat ghall-perjodu minnu msemmi, huwa minnu wkoll li fil-konfront tieghu l-Bank mexa b'mod regolari u korrett u dan skond ma jistipulaw ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-impieg preskritti fiz-zmien relattiv;

Illi l-mizuri li l-Bank intimat ha fil-konfront tar-rikorrent kienu dettati mill-imgieba tar-rikorrent innifsu waqt l-impieg tieghu mal-bank intimat, kif kellu jigi ahjar muri waqt is-

smiegh tal-kaz, liema mizuri kienu intizi wkoll ghall-harsien tal-impjegati shab ir-rikorrent xejn anqas ghall-klijenti tal-istess Bank.

Illi minbarra dan, aspetti marbuta mas-sahha tal-istess rikorrent ghamluha imperattiva li l-Bank jiehu certi misuri fil-konfront tieghu, minflok jirrikorri ghal estremi aktar radikali.

Ghaldaqstant il-bank intimat issottometta li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontrieh.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-bank intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li hu beda jahdem mal-Bank fl-10 ta’ Dicembru 1981 u sa Awissu 1986 serva f’ Malta, u minn dak iz-zmien gie trasferit Ghawdex fuq parir mediku wara li gie ezaminat mill-Profs. Griffiths li kien mahtur mill-Bank stess. Xi snin wara xorta wahda kien rega’ gie trasferit lura ghal Malta. Semma li ftit wara l-1987 beda jsofri minn ingustizzja wara l-ohra mill-Bank u specjalment mill-Manager Carmel Camilleri. Hu stqarr li qatt ma kellu problemi mal-Manager qabel l-1987, u l-Bank qatt ma laqgha l-protesti tieghu sabiex ir-rapporti annwali jaghmilhom Manager iehor. Semma li kien inqala’ incident personali meta nqalghet il-hsara f’xi hajt divizorju bejn fejn kien joqghod hu u d-dar tal-Manager, u missieru xtaq jaghmel xi xogholijiet, u s-Sur Camilleri kien oppona u sfida u sahansitra nstab hati mill-Qorti ta’ diversi abbuzi. Qal li fid-9 ta’ Gunju 1988, gie mcahhad minn gimgha leave mill-leave annwali tieghu, u b’hekk kien tilef l-opportunita` li jsiefer mal-club tal-futbol tieghu. Semma wkoll li fis-16 ta’ Frar 1991, gie mitlub mill-Bank sabiex

jitlob permess ghall-kariga ta' kaxxier ta' partit politiku, il-partit politiku Laburista. Zied ighid li f'Gunju 1989, gie mnehhi mill-Foreign Exchange Bureaux kollha, anke dawk f'Marsalforn u fix-Xlendi, u kien gie mitlub ic-cwievet. Qal li kien ipprotesta bil-qawwa, ir-risposta mill-Head Office kienet li dan kien ghal raguni amministrattiva.

Qal ukoll li r-rapporti annwali tieghu baqghu jsiru mill-Manager Carmel Camilleri li ma seta' qatt jifforma opinjoni oggettiva u mill-1987 sal-1991, kellu rapporti hziena hafna. Semma li fl-1992 kellu rapport annwali hazin hafna u mill-1995 'l hawn, ma gewx ipprezentati rapporti annwali izjed. Fl-1992 qal li nstab hati mill-Bank li tkellem irregolari quddiem klijenta mara certa Mrs. Tessie Spiteri, u wara li hu cahad dan, bil-miktub, gie trasferit ghal Malta. Zied ighid li cahad li qatt ra jew iffirma r-rapport inkriminanti, u dan stqarru quddiem il-Bord.

Spjega li t-trattament tal-Bank fil-konfront tieghu u t-trasferiment krudili li ha ikkagunalu 'hardship' enormi, iktar meta hu kien trasferit fl-1986 ghal Ghawdex fuq parir mediku, minhabba depressjoni. Zied ighid li meta nbidlet l-amministrazzjoni fil-25 ta' Settembru 1997, gie mahtur konsulent ghall-Bank fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex.

In kontro-ezami qal li qabel l-1987 is-Sur Camilleri kien ghamillu rapport tajjeb. Qal li kien jaf li kellu jibda jahdem f' fergha tal-Bank, mhux f'Ghawdex. Semma li hu mar f'Awissu 1986 f'Ghawdex u baqa' Ghawdex sal-1992. Spjega li s-Sur Camilleri kien l-oghla awtorita` fil-Bank ta' Ghawdex, u l-problemi tieghu nqalghu mill-1987 'il quddiem, u zgur inqalghu kwistjonijiet ta' natura personali. Qal li hu kien ipprotesta bil-miktub, u rrefera ghas-sentenza li kienet inghatat mill-Magistrat Dr. Michael Mallia fejn hemm Carmel Camilleri msemmi bhala l-akkuzat. Dwar l-okkazjoni li nqalghet, meta gie rifjutat lilu l-leave li applika ghalih meta kien ghad baqghalu ghoxrin gurnata qal li kien gie rifjutat lilu avolja kien applika minn xahar qabel.

Ra s-sentenza tas-16 ta' Novembru 1988 tal-Magistrat Dr. Michael Mallia li kienet dwar zewg imputazzjonijiet u cioe`: 1) ksur tal-bon ordni u paci pubblika bi storbju u ghajjat u 2) li hedded bi kliem lil Anthony Bezzina u kkaguna griehi hfief fuq il-persuna tal-istess Anthony Bezzina u li l-Qorti ikkundannat lil Carmel Camilleri ghal ammonizzjoni u reprensjoni fuq l-ewwel imputazzjoni u procediment ezawrit fuq it-tieni imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 363 tal-Kap. 9 rabtet lill-imputat li ma jimmolestax lil Anthony Bezzina u lill-familja tieghu ghal zmien sena taht penali ta' Lm100.

Xehdet Tessie Spiteri li toqghod ix-Xaghra, Ghawdex, u klijenta ta' dik il-fergha li kienet Mid-Med u llum HSBC, u tmur il-Bank, xi darba kull tlett ijiem, u qalet li qatt ma semghet lir-rikorrent ighid kliem mhux xieraq. In kontro-ezami qalet li hi qatt ma kienet prezenti waqt xi incident u qatt ma ffirmat xi karti dwar xi incident. Meta giet murija dokument a fol 61 hi kkonfermat li dik hi l-firma taghha u ftakret li kitbet dan id-dokument izda regghet qalet li Bezzina qatt ma qal kliem vulgari u dejjem taha servizz tajjeb.

Xehed John Bezzina Assistant Manager fir-Rizorsi Umani fl-H.S.B.C. li qal li ra l-file tar-rikorrent, u semma li meta kien jahdem is-Savings Office, ma kien hemm xejn li jindika li r-rikorrent kellu xi incident. Semma li fil-fergha ta' tas-Sliema kien qed isir certu 'lobbying' biex ir-rikorrent imur jahdem fil-fergha tal-Mellieha, peress li kien jilghab futbol u affarijiet hekk, u kienu intervjenew hafna nies, fosthom ex-M.P. Anglu Camilleri. Spjega li kien hemm korrispondenza dwar dan, u hemm ukoll ittra tac-Chairman tal-Bank li tghid li t-trasferimenti ta' impjegati qatt ma jigu decizi biss skond il-htigijiet jew xewqat tal-impjegati, izda fl-ahjar interess tal-Bank u skond l-ezigenza tas-servizz. Qal li meta mbaghad gie trasferit il-Mellieha f'Ottubru 1984 kellu incident mal-Manager u mal-Assistant Manager dwar li r-rikorrent kien jippretendi li jitlaq kmieni mill-branch b' mod li fir-rapport tal-Manager hemm il-kliem "Bezzina took an arrogant attitude straight away and demanded… and whilst thumping his finger on my desk he demanded to produce witnesses. I wasn' t

going to tollerate his arrogant manners and sent him packing”. Semma li ftit wara, f’Novembru 1984, kellu incident ma’ Richard Mercieca li kien l-Assistant Manager tal-fergha tal-Bank, u kien hemm skambju ta’ kliem xejn kumplimentuz bejniethom. Fir-rapport il-Manager qal “I admonished him…”

Qal li fl-istess fergha kellu argument iehor rigward l-appraisal report tieghu u sahansitra r-rikorrent u missieru marru jkellmu lid-D.G.M. Zied ighid li f’Dicembru 1984 kellu incident iehor mal-management, rigward ‘Outward Clearing’ u ‘Early Morning Search Routine’ li kienet issir. Kompla ighid li meta nbidel il-Manager tal-Mellieha, mar Manager gdid, is-Sur Joseph Agius, u kien ghadda rimarki prozittivi fir-rigward tar-rikorrent fil-bidu li mar hemmhekk. Izda f’ April 1985, kien hemm incident iehor rigward li r-rikorrent kien qed jirraporta tard ghax-xoghol, u irrizulta mir-rekords fil-file li apparti li kien inqala’ battibekk, Bezzina qabad u hareg ‘il barra. Zied ighid li f’Jannar 1986 inqalghet problema ohra u ttiehdu passi dixxiplinarji kontra s-Sur Bezzina. Fil-fatt jirrizulta li dan l-istess Manager, is-Sur Agius, f’Jannar 1986, kiteb memo lill-Head Office fejn qal li l-attitudni tar-rikorrent li jinjora lis-superjuri tieghu ma setghetx tigi tollerata izjed. Qal li f’Gunju 1986 kien hemm incident iehor mal-Branch Management fuq encashment ta’ xi cheque barrani ta’ missier is-Sur Bezzina, u wara dan l-incident kien gie deciz mill-Management Committee tal-Bank, li r-rikorrent ghandu jigi trasferit ghal Ghawdex.

Semma li r-rikorrent kien ikkontesta r-rapport annwali tieghu tal-1986 fejn fil-kummenti lura mill-Management l-istess Manager li fl-1985 kien kiteb li r-rikorrent kien qed jimmiljora, issa kiteb li hadd ma kien ihossu komdu mas-Sur Bezzina, li gie mwiddeb li se jittiehdu passi dixxiplinarji kontrieh.

Zied ighid li meta mbaghad ir-rikorrent kien stazzjonat jahdem f’Ghawdex kien hemm serje ohra ta’ incidenti, l-ewwel wiehed ma’ certu Mr. Buttigieg, u f’Settembru 1988 kellu incident ma’ certu Chris Vella, fejn ir-rapport tal-Manager kien ighid li s-Sur Bezzina gab ruhu hazin u kien

qed johloq tensjoni fil-Bank. Fil-fatt qal li dan il-kaz spicca quddiem ic-Chairman tal-Bank. Semma li f'Lulju 1989 kien hemm incident iehor rigward meta r-rikorrent kien jahdem fil-Foreign Exchange Bureau u fil-fatt kien tnehha mill-Bureau. Semma wkoll li fl-1990 is-Sur Bezzina ikkontesta l-increment tal-1989 li ma nghatalux. Minhabba f' hekk deher quddiem bord tad-dixxiplina ghax la kellu ilment, il-procedura hekk kienet tirrikjedi, u l-Bord kien ikkonkluda li Bezzina gab fuqu dak li rcieva minghand il-Bank, u dan peress li ma segwiex dawn il-principji bazilari u elementari.

Zied ighid li f'Marzu 1991 intbaghtet risposta lil Bezzina minghand id-Deputy General Manager tal-Human Resources rigward xi incident li kellu, u kien irrisponda l-papa` tas-Sur Bezzina li kien uza kliem iebes hafna indirizzat lill-General Manager, u f'Mejju tal-1991 stess, il-mama` tas-Sur Bezzina intervjeniet mal-Prim Ministru waqt laqgha ta' djalogu. Qal li f'Ottubru 1991 is-Sur Bezzina kellu incident ma' John Mizzi, Manager Ghawdex fejn il-Manager kiteb li l-attitudni negattiva tar-rikorrent kienet qed issir anke afgressiva. Spjega li kien hemm sahansitra rapport minghand l-officer in charge tax-Xaghra Agency John Cauchi li qal li kien hemm xii ncident li kellu fejn ir-rikorrent kien biddel xi figuri tat-total payments tal-cash. Qal li f'Jannar 1992 kien hemm incident fil-fergha u s-Sur Bezzina kellu differenza ta' LM200, u proprju fl-1992, ir-rikorrent deher quddiem il-Bord tad-Diretturi ghal dixxiplina, akkuzat b'lingwagg offensiv fil-prezenza tal-klienti fil-fergha tax-Xaghra. Ir-rikorrent kien gie misjub hati mill-Bord li uza dan il-lingwagg offensiv u gie mwissi li jekk jerga' jigi misjub hati ta' agir bhal dan, jigi mkecci mill-Bank. Semma wkoll li f'Jannar 1992 is-Sur Camilleri irraporta li l-papa` tas-Sur Bezzina giref il-karozza tieghu. Zied ighid li f'Jannar 1993 is-Sur Bezzina appella mid-decizjoni li kienet ittiehdet kontrieh fil-kaz tal-'foul and obscene language', izda t-talba tieghu ma kenitx giet milqugha, u d-decizjoni kienet baqghet tghodd. Semma li s-Sur Bezzina kien gie trasferit Malta u meta kien fil-fergha ta' Bugibba, fis-6 ta' April 1993, kienet harget ittra lis-Sur Bezzina minhabba xi incident li kien sar ma' klijent Ingliz u r-rikorrent kellu jidher

quddiem Bord ta' Dixxiplina, izda mbaghad il-Bord ta' Dixxiplina baqa' ma sarx.

Zied jghid li r-rikorrent gie trasferit fic-Centru Ruzar Briffa, Qormi u fis-17 ta' Mejju 1994 kienet hargitlu Memo mill-Manager tieghu, Ray Attard fejn inghad li kien negligenti fix-xoghol. Kompla jghid li fl-10 ta' Ottubru 1994 kien hemm dokumentazzjoni li tirrelata ghal incident li s-Sur Bezzina kellu ma' certu Manager tad-Dipartiment, Philip Leone Ganado, fejn intqal li r-rikorrent beda jghajjat, kien aggressiv, u anke pprova jattakkah, izda kien gie ristrett minn staff maskili tal-Bank.

Semma wkoll li f'Ottubru 1994 inharget memo lir-rikorrent rigward il-fatt li rraporta ghas-sick pero` ma cempilx lid-Dipartiment skond il-procedura biex javza, u fil-fatt gurnata minnhom inqatghetlu bhala absent. Din il-memo kienet harget mis-Sur Soler Human Resources Administration Manager. Qal li f'Jannar 1996, harget memo ohra minghand is-Sur Attard Manager tal-Premises Department, fejn regghet ingibditlu l-attenzjoni tar-rikorrent li hu ma rrapurtax ghas-sick leave. Fit-28 ta' Ottubru 1996 harget memo minghand il-Manager ta' Ghawdex, is-Sur Camilleri, fejn irraporta lill-Head Office li r-rikorrent kien dahal fil-fergha ta' Ghawdex u beda ighajjat lejn l-istaff, u kompla jghid, li fid-9 ta' Novembru 1996, ir-rikorrent rega' kellu incident ma' certu Alfred Ciangura kollega tieghu, fejn kien hemm allegazzjonijiet u theddid. F' dan il-kaz numru ta' nies iffirmaw li qed jirrifjutaw li jahdmu mir-rikorrent, peress li hu pprovoka lil diversi haddiema diversi drabi. Zied ighid li f'April 1997 fil-fergha tal-Mellieha, ir-rikorrent kellu incident ma' certu Michael Tabone fejn ir-rikorrent tefa' xi siggu lis-Sur Tabone u wara dan, sar anke rapport minn bord mediku. Fl-ahharnett semma l-ittra li rcieva minghand ic-Chairman Alfred Mifsud datata 23 ta' Settembru 1998, fejn qal lir-rikorrent li ghall-ebda cirkostanza m'ghandu jmur fil-ferghat ta' Ghawdex.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi irrizulta li fil-kors tal-impjieg tieghu mal-Bank intimat ir-rikorrent hlief problemi ma kellux. Hu jallega li l-ewwel ma

riedux jibghatuh Ghawdex u li meta kien Ghawdex l-inkwiet tieghu kien bazat fuq il-fatt li l-persuna inkarigata mill-Bank minn Ghawdex kellha relazzjonijiet difficli mal-familja tieghu u dan fuq motivi personali. Huwa veru li jirrizulta li missier ir-rikorrent kellu xi jghid ma' din il-persuna li kellha pozizzjoni gholja fil-Bank f' Ghawdex u li din il-persuna kienet instabet hatja. Izda minn naha l-ohra irrizulta li l-problemi tar-rikorrent ezistew kemm qabel kif ukoll wara l-incident fi kwantita` kbira ta' branches u ma' diversi nies. Infatti irrizultaw sensiela shiha ta' incidenti li fihom kien involut ir-rikorrent u li kawza taghhom saru kwantita` ta' rapporti negattivi kontra l-istess rikorrent. Dawn ma kienux limitati ghal xi dipartiment jew branch wiehed izda ghal diversi b' mod li t-Tribunal jifhem fil-wisgha ghaliex saru l-kwantita` ta' trasferimenti. Jista' jkun li f' xi kaz partikolari specjalment fil-branch ta' Ghawdex li kien ikun hafna ahjar li kieku r-rikorrent ma thalliex jahdem direttament taht persuna li ma kenitx taqbel mieghu u l-familjari tieghu fuq motivi personali u dan specjalment meta kien hemm sentenza tal-Qorti Kriminali f'Ghawdex, izda mill-komportament generali jirrizulta b' mod manifest li l-attitudni tar-rikorrent kienet wahda li difficilment tista' tigi tollerata u li kawza taghha kien hemm rapporti negattivi u trasferimenti. It-Tribunal jaghmel referenza ampja ghad-depozizzjoni moghtija mir-rapprezentant tal-Bank John Bezzina u d-dokumenti esebiti u ma jhossx li hemm skop ghal riflessjonijiet ulterjuri meta saru aktar minn ghaxar rapporti negattivi kontra r-rikorrent fi branches kollha differenti. Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u jichad ir-rikors tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------